FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 04 TA' NOVEMBRU 2015

Il-Pulizija

Spettur Carlos Cordina.

vs

Anthony Abela

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' 109171M akkuzat talli:

1. gewwa Sa Maison nhar is-6 ta' Lulju 2013, ghal habta ta'17:00 ta' wara nofsinhar, b'atti esterni ta' bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt u cioe' serq minn go kumpless tal-kumpanija GO plc. ta' diversi oggetti, liema reat ma sehhx minhabba xi haga involontarja u indipendenti mill-volonta' tieghu, u li sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-kumpanija GO plc. u/jew persuni ohra;
2. rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi tal-Qorti li issa saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula Art. 49, 50, 289 tal-Kap 9;

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta'htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommorjament mhux opposta;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fuq liema insista anka meta l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu u tiddikjarah hati.

Rat l-Artikoli 49, 50, 289 u 533 tal-Kap 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

Tikkundannah sitt xhur prigunerija.

A.M. Trigona.

Magistrat.